Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

**23 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 35 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **35.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **35.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 35.2.1 | Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni lis-segretarju eżekuttiv li hemm bżonn ta' korrezzjoni fil-minuta 33.4 fit-Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera, fil-mistoqsija : Meta ser jitnaddfu l-culverts is-segretarju riedet tniżżel lil dawn itnaddfu fit-18 t' Awissu 2021 |
| 35.2.2 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 33 u numru 34 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl. Wara din il-korrezzjoni il-minuti numru 33 u numru 34 ġew approvati mill- viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-Kunsillier is-Sur. Malcolm Gatt. |
| **35.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 35.03.01 | Il-Viċi Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li huwa flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu fil-Ministeru ta' l-Onor. Miriam Dalli fejn ġie diskuss il-proġett Green Belt Project. Għall din il-laqgħa attendew is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivii ta' Bormla u tal-Kalkara fejn taw l-opinjonijiet tagħhom fejn jistgħu ikun hawn aktar spzji miftuħa u ġonna. Is-Sindku talab li niltaqgħu magħhom on site sabiex jaraw fejn jista jsir aktar żvilupp ta' open spaces peress li l-lokalita' tal-Isla hija dik li hi. Is-Sindku ta' l-opinjoni tiegħu u ressaq is-suġġeriment tal-Iskola Primarja biex jiġi użat il-bejt tal-iskola Primarja u jsir roof garden u jitgawda mill-pubbliku u s-sindku ta' l-opinjoni tiegħu wkoll biex il-ministeru jieħdu ħsieb il-ġnien tal-gardjola u l-kunsill irrid jara l-kuntratt ma l-ELC f'hix wasal. |
| 35.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa mal-puluzija sabiex iżommu il-buonordni matul is-sena.<br><br>Is-Sindku talab laqgħa mas-superintendent is-Sur Trevor Micallef u kien hemm preżenti s-segretarju eżekuttiv wara li daħlu ħafna ilmenti li fl-4 ta' Settembru waqt il-quddies tal-mitt sena ċentinarju u l-Ħadd 5 ta' Settembru diversi resdidenti sabu ticket ta' parkegg ilegali li ilu isir snin fil-ijiem tal-festa, b hekk Sindku talab biex ma terġax isir minħabba li ma ġie diskuss xejn mal-kunsill lokali. |

| | |
|---|---|
| 35.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar esperti għall-applikazzjoni għall-Belt tal-Ewropa 2032. Is-Sindku issuġġerixa lis-Sinj. Dolores Christina bħala ex ministru sabiex tkun fil-bord għal din l-applikazzjoni li ser tiġi sottomessa fit-2024. |
| 35.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Bye Law tal-ħamiem ġiet approvata u informa lil president is-Sur Mario Fava li jista jmexxi sabiex jibgħat persuni li jitfgħu l-ikel għal dan il-ħamiem biex ma jibqax ikattar. |
| 35.03.05 | Is-Sindku bagħat imejl lil kunsilliera kollha sabiex min jixtieq jidħol fil-bord tas-sotto kumitat għal din l-iskema tal-Milied seta' jagħmel dan. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar aċċettat biex tidħol f dan il-bord fejn flimkien mal-Paroċċa dan il-bord qed jaħdem dwar dan il-programm fejn ser tintbagħt l-applikazzjoni għal fondi mad-DLG li ser talaq fis-7 t' Ottubru 2021. |
| 35.03.06 | Is-Sindku informa li iltaqa' ma Dan u San sabiex itellgħu programm ta' logħob bħal ma għamlu fl-Mdina u jixtieq li issa jagħmlu dan l-istess logħob fejn min jieħu sehem f'dawn il-logħob jilbsu ta' kavallieri u fl-istess ħin ikun logħob ta' żmien il-kavallieri fil-kottonera. Kull ma għandhom bżonn No Parking għall filming. Dan u San tkellmu mas-Sur Fabian Mangion sabiex jagħtihom aktar informazzjoni dwar l-istorja tal-Isla u l-kavallieri. |
| 35.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-SHS ser iqassmu l-kotba bieb, bieb għall kull familja u u min ma jkunx id-dar jinġabar mil kunsill. Is-Sindku talab biex issir tnediha fis-sala tal-kunsill bħala promozjoni tal-ktieb u l-lokalita tal-Isla. Il-Kunsill qed jikollabora mal-SHS sabiex jitqassam dan il-ktieb informattiv lil kull familja. |
| 35.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet imejl dwar id-depożiti fejn hi infurmat lid-direttur li qed issib ħafna ostakli mill-bank sabiex jiġu aċċettati l-minuti, il-kunsill lokali jaċċetta pagamenti b'*cash notes, credit cards u ċekkijiet.* Is-Sinj. Graziella Gellel bagħtet imejl lid-direttur tad-dipartiment dwar id-depożiti. |
| 35.03.09 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li jekk il-ħarsien talpandemija tibqa sejra l-quddiem u jirrilaxaw aktar miżuri issir l-festin tal-anzjani fit-18 ta' Diċembru fejn il-kunsilliera qablu unanimament dwar dan. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar semmiet ukoll jekk jistax jiġi organiżżat Weeken Break ukoll. |
| 35.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li l-viċi sindku bagħat dwar iz-zebra corssing tax-xatt. Is-Sindku informa l-uffiċċju sabiex jintbagħatu kwotazzjonijiet għal dawn iz-zebra crossings imma s'issa ħadd għadu ma wieġeb. |

| | |
|---|---|
| 35.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar is-sinjali tal-parkeġġi fi Triq San Ġiljan u dwar il-parkeġġ ta' diżabilita'. Il-perit għandu jiġi ma TM sabiex jaraw li dawn il-parkeġġi huma skond il-liġi. |
| 35.03.12 | Is-Sindku bagħat imejl lil kunsilliera li ser issir il-Fun Run, din id-darba mixja f'kull lokalita sabiex ma jkunx hemm ħafna niex miġbura f'daqqa. Qed jikkalulaw li jekk kull lokalita jkollha ta l-inqas 100 persuna jinġabru l-istess ammont daqs li kieku saret kif kienet issir is-soltu min San Anton sal-Belt Valletta . Il-Mixja madwar l-Isla ser tkun madwar 2.5 km. |
| 35.03.13 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li kien hemm ilmenti li qed jaqa' xi ġebel minn mas-swar tan-naħa ta' Boiler Wharf u s-Sindku kellem lil perit tar-restoration u l-perit wieġbet li t-tender għadha qed tinħadem. |
| 35.03.14 | Is-Sindku ressaq disinn tal-pedestal għall-arblu tal-Gardjola li jirrappreżenta l-ġurnata tal-15 t' Awissu għal wasla tal-Convoy ta Santa Marija. Inġabru kwotazzjoni sabiex dawn il-kwotazzjoni jintbgħatu lil Ministru Jose Herrera sabiex ikun jista jati fondi għal dan l-arblu. |
| 35.03.15 | Is-Sindku ressaq id-dati lil kunsilliera ta' meta ser issiru l-aerobics darba fil-ġimgħa nhar ta' Ħamis fil-grawnd tal-futbol sakemm it-temp jippermetti. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 35.03.16 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu flimkien mas-segretarju eżekuttiv ma kumpanija tal-films Latina Pictures li jixtiequ li jifilmjaw fil-grawnd tal-futbol, iżda biex jagħmlu dan irridu li tinqala in-net u t-turf. Is-sindku qallilhom li in-net għada kif issir għalhekk jekk titneħħa trid terġa teħel f'postha u dawn qablu ma dan. Iddiskuta wkoll li t-turf għandu jerġa jsir ġdid u ma dan qablu wkoll, kif ukoll semma li jridu jiġu irranġati l-cameras. Il-Filming għandu jsir fl-1 ta' Frar biss, izda għandhom bżonn li jaħdmu fuq il-post biex ikollhom is-set kif jixtiequ huma ħmistax il-ġurnata qabel u ħmistax il-ġurnata wara biex jagħmlu kollox f'postu. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 35.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu proposta minn għand persuna sabiex jikri l-kopla tal-gardjola biex jagħmel Sunset tea ġewwa l-Gardjola għax qed ikollu ħafna interess minn għand barranin. Din il-persuna, li huwa designer kull m'għandha bżonn permess biss u dan is-suġġerixa li jkun hemm drone sabiex jiffilmja din l-attivita romantika u jekk il-kunsill japprova jagħmel reklam ta' din l-attivita. Din l-attivita ser issir fl-4 t' Otturbu 2021. Il-Kunsilliera qablu ma din l-attivita romantika. |
| 35.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li tlestit il-bankina ta' Triq San Mikiel u li din inħadmet mill-ħaddiema tar-reġjun għalhekk ġiet tiswa anqas minn €5000 għalhekk is-sindku issuġġeriexa li għal bidu tas-sena l- |

| | |
|---|---|
| | ġdida jerġa jagħmel talba lir-reġjun biex iqabbad dawn il-ħaddiem tar-reġjun sabiex il-kunsill jirranġa l-bankina ta’ Triq iż-Żewġ Mini. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 35.03.19 | Is-Sindku informa lil viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia li ix-xatt qiegħed taħt il-Ministeru tal-MTIP li jaqa’ taħt il-Ministru Onor. Ian Borg u s’issa il-kunsill qed issib koperazzjoni minn għand dan il-ministeru li fil-fatt bagħtulna sitt bollards oħra għax-xatt li ser jeħlu ma-dawra tal-bankina ta’ quddiem il-letrina tax-xatt għaliex it-trakkijiet qed ikkisru il-bankina u dik il-parti diġa ġiet irranġata. Il-ħaddiema tal-MTIP għal issa ma jistgħux jiġu assenjat mal-lokal tal-Isla għalhekk ser inwaħħluhom bil-kuntrattur tal-kunsill. Għalhekk it-talba biex jiġu irranġati ċertu turġien trid issir wara Jannar 2022. |
| 35.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-tender ta’ Triq Sant Anġlu ser tiġi ippublikata fuq il-gazetta tal-gvern u fuq is-sistema tal-epps it-Tlieta 27 ta’ Settembru jew il-Ġimgħa 30 ta’ Settembru 2021. |
| 35.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl mibgħuta mill-Akl fejn infurmat lil kunsilliera li fid-9 t’ Ottubru ser issir l-elezzjoni għall-eżekuttiv tal-Assoċċjazjoni tal-Kunsilli Lokali u l-kunsill ser ikun magħluq għall-pubbliku. Infumat lil kunsilliera li fis-7 t’ Ottubru 2021 is-segretarji eżekuttivi għandhom laqgħa sabiex jiġu infurmati kif għandha titmexxa din l-elezzjoni. Importanti li l-kunsilliera jiġu wieħed, wieħed. |
| 35.03.22 | Is-Sindku fakkar lil kunsilliera dwar il-BBQ li ser issir is-Sibt 24 t’ Ottubru 2021 sabiex issir team building mal-istaff u l-kunsilliera. |
| 35.03.23 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-invit li irċiviet minn għand id-Dominou Association sabiex il-kunsill tal-Isla jkun parti mill-proġett tal-Erasmus Heurope. Is-Sindku u s-segrtarju eżekuttiv huma mistiedna biex jattendu għal dan il-proġett bejn 3 u l-5 ta’ Diċembru 2021, l-ispejjeż ser ikunu koperti minn Dominous Association Romania. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 35.03.24 | Is-Sindku fakkar lil kunsilliera is-Sinj Joline Attard li hija responsablli mill-ġemelaġġi sabiex terġa tibgħat reminder lil kunsill ta Cassino sabiex isaħħu l-ġemelaġġ li l-Kunsill tal-Isla għandu mal-kunsill ta’ Cassino. |
| 35.03.25 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sindku u lil kunsilliera preżenti sabiex jiġġeded jew japprovaw nomina tad-deputat segretarju eżekuttiv. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis innomina lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kalkara is-Sinj. Elaine Caruana u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt is-sekondah. Is-Segretarju ser tibgħat din in-nomina |

| | |
|---|---|
| | sabiex kemm il-darba is-Sinj. Elaine Caruana taċċeta, tiffirma din in-nomina u tibgħata lil HR. Tad-dlg. |
| **35.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 35.4.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Triq il-Kurċifiss ser issir xi xogħol u ser jiċċeken it-taraġ ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li l-kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza dwar dan. |
| 35.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Kemm għandu kenniesa l-kunsill ? Għaliex sakemm kont bi ġranet vakkanti mix-xogħol dort ma l-Isla kollha u rajt kennies wieħed biss.<br><br>Is-Sindku wieġbu li l-kuntratt huwa bi tlett kenniesa għal erba' siegħat kull wieħed u meta kien hawn ħafna xogħol għal żmien il-festa, l-kuntrattur daħħal anke ħames ħaddiema. Il-Kuntrattur jibgħat ir-ritratti kuljum tat-toroq li kiensu, is-sindku ma jsib l-ebda problema biex jurih dawn ir-ritratti ta' kuljum. Il-kuntrattur għandu jibgħat lil ħaddiema l-uffiċju biex jagħmlu ir-rassenja. |
| **35.5** | **Rapporti** |
| **35.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar t' Awissu 2021 fejn ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |

| | |
|---|---|
| | |
| **35.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 35.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 9 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **35.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 35.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2021 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum __29_t' Ottubru 2021

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv